**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 13 ta' Jannar 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**Matias Angel Perez Tripolone**

IL-QORTI;

Rat li l-imputat Matias Angel Perez Tripolone detentur tal-karta tal-identita Spanjola 47442266M gie akkuzat talli nhar it-12 ta' Jannar 2016 ghal-habta ta' 04.00 Hrs fi Triq San Gorg, San Giljan:-

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fil- vettura tal- ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni JBN367 , liema hsara ma jkunx jiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (250).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament ;

Rat li, fl-udjenza ta’ llum stess, wara l-qari ta` l-akkuza bil-gurament, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, f’liema ammissjoni huwa baqa’ jippersisti anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali;
b. l-ammissjoni bikrija;
c. il-fatt li, l-imputat, qabel il-prezentata ta’ llum stess, hallas ghad-danni minnu kawzati.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b’rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Matias Angel Perez Tripolone, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Matias Angel Perez Tripolone hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Matias Angel Perez Tripolone bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tmintax-il xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Matias Angel Perez Tripolone fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LL.D
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur